MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 423/2004

Kawza fil-lista: 15

**A B**

**vs**

**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici A B li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Settembru, 1995, minn liema zwieg kellhom zewgt itfal………. - omissis - …………

Premess illi l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' adulterju, vjolenza fizika u psikologika, eccessi, sevizzi w ingurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

Premess illi b'digriet numru 1005/04 moghti fit-13 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza fizika u psikologika, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti;

Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Carl Matthew u Luke Nikolai f'idejn 1-attrici ommhom.

Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha u ghall-minuri Carl Matthew u Luke Nikolai.

Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

Tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-oggetti kollha parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu.

Tordna l-pubblikazzjoni tad-divizjoni tal-assi matrimonjali, tinnomina Nutar biex jaghmel tali pubblikazzjoni u occorrendo tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-konvenut f'kuntratt eventwali f’kaz ta' kontumacja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut li taqra bil-mod segwenti:-

“Illi l-eccipjent jaqbel ma' l-ewwel talba attrici fis-sens illi ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux ghar-ragunijiet indikati mill-attrici izda ghaliex principalment l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u ghaliex iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lilha, fosthom vjolenza psikologika, eccessi u sevizzi;

Illi l-eccipjent jaqbel mat-tieni talba attrici fis-sens illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta, likwidata u maqsuma bejn il-kontendenti u mhux necesarjament fi kwoti ndaqs bejniethom;

Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tielet talba ta' l-attrici sabiex hija tigi fdata bil-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri stante li huwa fl-ahjar interess ta' l-ulied minuri illi l-kura u kustodja taghhom tigi fdata f'idejn l-eccipjent, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, u f'kaz illi tali kura u kustodja tigi fdata f'idejn l-attrici, l-eccipjent ghandu jigi moghti access ampju ghal uliedu f'dawk il-granet u hinijiet li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, nkluza l-fakulta' li jraqqad lil uliedu fir-residenza tieghu;

Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda in kwantu tirrigwarda l-manteniment li l-attrici qieghda titlob ghaliha nnifisha stante li hija principlament hatja ta' adulterju, u inoltre, fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-eccipjent il-kura u kustodja taz-

zewg ulied minuri, l-attrici ghandha tigi ordnata thallas lill-eccipjent manteniment ghall-istess ulied minuri;

Illi m'ghandhomx jigu applikati kontra l-eccipjent, l-artikolu 48 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li t-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti mhux attribwibbli lilu imma lill-attrici ghar-ragunijiet precedenternent indikati u ghalhekk il-hames talba attrici ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra 1-attrici;

Illi s-seba' talba hija superfluwa u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tatiane Cassar.[1]

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg.[2]

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gie ordnat li pendente lite l-kura u kustodja taz-zewg minuri tkun f'idejn ommhom l-attrici filwaqt li gie stabbilit modalita' ta' access tal-missier versu z-zewg minuri.[3]

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijietipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti.

---

[1] Fol. 57
[2] Fol. 74
[3] Fol. 78

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Responsabbilta' Ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

**Verzjoni u Provi tal-Attrici**.

L-attrici xehdet[4] illi meta kienet ghadha gharusa lill-konvenut, xi familjari tieghu kienu wissewha illi l-konvenut kien isawwat lil ex-tfajla tieghu. Meta kkonfrontat lill-konvenut dwar dan huwa qalilha li l-familjari tieghu ma kellhomx grazzja mal-attrici u ghalhekk riduh li jiggieled maghha sabiex jerga' lura ma' l-ex tfajla tieghu. Hija kienet accettat din l-ispjegazzjoni lilha moghtija mill-konvenut. Meta kien ikollhom xi argument il-konvenut kien idum ma jerga' ma jkellimha anke sa gimgha wara. Iddecidiet li tizzewweg ghaliex ittamat li l-affarijiet bejniethom jinbidlu ghall-ahjar.

Tghid li wara ftit xhur miz-zwieg is-sitwazzjoni ta' bejniethom kompliet tiddeterjora. Kien anke beda jkun fizikament vjolenti maghha anke fir-relazzjoni intima taghhom. "Beda juza vjolenza fizika fuqi. Kien jew issabatli rasi mal-hajt jew jaghtini xi daqqa ta' ponn. Pero' dan kien jaghmlu b'certu mod li ma jidhru l-ebda feriti fuqi. Jiena dejjem bqajt id-dar u dan peress li kont nahseb li nhobbu u li l-affarijiet setghu jittrangaw. D kien sahansitra jghajjarni quddiem shabu u qatt ma hallieni nitkellem. D kont issibu kull fejn inkun u gieli ghamel ukoll ghal hbiebi. Meta kont nazzarda niftah halqi kont inpatti ghaliha meta mmorru d-dar".

Wara incident vjolenti kienet telqet mid-dar u marret ghand il-genituri taghha. Kien hawn li l-konvenut beda jigri warajha sabiex tirritorna lura d-dar. Beda jghidilha li ftit kien baqalu hajja ghaliex allega li kienu sabulu marda terminali. Finalment l-attrici accettat li jerghhu

4 Ara affidavit a fol. 25

lura flimkien bil-kondizzjoni li jfittxu ghajnuna. Marru flimkien ghall-*councelling* pero' l-konvenut irrifjuta li jkompli jmur.

Fiz-zmien li regghat lura d-dar l-affarijiet kienu mexjin tajjeb. L-atrici harget tqila pero' skond l-attrici l-konvenut ma kien juri l-ebda interess. Tghid illi dan in-nuqqas ta' interess da parti tal-konvenut kompla anke wara t-twelid tat-tarbija.

Fis-sena 2001 iddecidew li jifthu hanut. L-attrici telqet mix-xoghol li kellha sabiex tkun tista' toqghod f'dan il-hanut. Paga ma kenitx tircevi. Fis-sena 2003 kellhom it-tieni wild u ghalhekk kellha tieqaf tmur il-hanut. Il-konvenut impjega tfajla ta' sittax-il sena. Tghid li kienet skopriet li l-konvenut beda relazzjoni intima ma' din it-tfajla li kinet qisha t-tifla tieghu fl-eta'.

L-attrici xehdet illi ghalkemm kienet skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni ma' din it-tfajla hija ma kenitx ikkonfrontatu dwarha sabiex ma tinstigahx li jkun vjolenti maghha.

Tirrakkonta episodju fejn il-konvenut qabad senter li kellhom mal-hajt fid-dar u lill-attrici qalilha: "ha nara jekk hux ser nuzah illum". Fuq dan id-diskors l-attrici qabdet liz-zewgt itfal u marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u ma regghatx irritornat id-dar.

In kontro-ezami[5] l-attrici xehdet illi dwar l-allegazzjonijiet taghha ta' abbuzi ta' natura sesswali mill-konvenut qatt ma ghamlet rapporti lill-pulizija, la qabel u lanqas matul iz-zwieg. Tghid illi l-vjolenza fizika kommessa fuqha mill-konvenut hafna drabi kienet kommessa b'tali mod li ma jithallewx tracci. Kienet tibza' mill-konvenut ghaliex kien jeddidha tant li meta ta daqqa ta' ponn go wicca ghal bidu hija kienet tghid li habtet wiccha mal-karrozza.

Tghid li mal-boyfriend li mieghu tghix illum bdiet tohrog wara li kienu infethu l-proceduri l-Qorti. Spjegat illi il-partner tal-konvenut kellha biss sittax-il sena meta l-konvenut dahhalha tahdem il-hanut u kien igibha d-dar biex toqghod 'baby sitter'. Il-konvenut beda johrog mal-partner tieghu ftit xhur qabel l-attrici istitwit il-kawza odjerna.

[5] Fol. 1167

Xehdet **Marica Grech**[6], oht l-attrici. Tirrakkonta kif wara li l-attrici kienet ilha tlett snin u nofs mizzewga lill-konvenut kien hemm inkwiet kbir bejn il-partijiet. Xehdet illi ftit jiem qabel ma l-attrici telqet ghall-ewwel darba mid-dar matrimonjali hija kienet ratilha daqqa kbira taht ghajnejha. Meta staqsitha x'kien gara l-attrici irrispondiet li kienet habtitha mal-bieba tal-karrozza. Hija ma kenitx emnitha peress li kienet tidher bhala 'black eye'. Ix-xhud tghid li ftit jiem wara kien habbat il-bieb u sabet lill-attrici wara l-bieb bil-bagalji u qaltilha li kellha titlaq mid-dar peress li ma setghatx tissapporti aktar l-agir ta' zewgha. Grech tghid li f'dak iz-zmien il-konvenut kien beda jmur spiss wara l-bieb tad-dar taghha sabiex jipprova jikkonvinci lill-attrici tirritordna d-dar. Anke omm il-konvenut kienet iccempillha titlobha sabiex tikkonvinci lill-attrici tmur lura d-dar. Finalment l-attrici accettat sabiex taghti cans iehor lill-konvenut.

Xi zmien wara l-attrici kienet cemplitilha u qaltilha li l-konvenut kien heddidha b'senter u kienet qed tibza tibqa' tghix mieghu. L-attrici spiccat biex telqet mid-dar u marret toqghod ma' ohtha.

Ix-xhud irrakkontat ukoll incident li sehh f'jum lejliet l-ewwel tas-sena wara li l-attrici telqet mid-dar. L-attrici kienet harget ma' ohtha u r-ragel taghha u waqt li kienu f'bar tas-Sliema kien mar fuqhom il-konvenut u xejjer daqqa ta' ponn lill-attrici.

Xehdet **Chantelle Galea**, l-partner tal-konvenut.[7] Hija spjegat illi hija saret taf lill-partijiet fis-sena 2004 meta kellha sbatax-il sena u bdiet tahdem fil-hanut tal-konvenut. Hija spjegat illi ghadha tahdem fl-istess hanut bhala 'casual part-time'. Xehdet illi ilha f'relazzjoni mal-konvenut sa mis-sena 2005 meta kienet ghalqet tmintax-il sena u kienu hargu jieklu. Spjegat illi fil-15 ta' Lulju 2006 hija kellha tifel li semmietu Jake u irregistratu bhala b'missier mhux maghruf. Qalet li dak iz-zmien kienet tghix ghand ommha izda wara xi sentejn marret tghix flimkien mat-tifel mal-konvenut. Spjegat li t-tifel Jake lill-konvenut isejjahlu "papa'"u t-tfal tal-partijiet gieli jirreferu ghalih bhala huwhom. Tghid li l-konvenut accettah bhala t-tifel tieghu. Xehdet li salarju ma tirceviex minghand il-konvenut, "xejn ta, jitmani". Qalet li tithallas tax-xoghol taghha bl-ikel li jiprovdilha l-konvenut. Qalet li tiehu l-beneficcji socjali bhala 'single mother'.

---

[6] Affidavit a fol. 40
[7] Fol. 375

Xehed il-**konvenut C B**.[8] Huwa cahad li qatt kien vjolenti mal-attrici. Sostna li kienet l-attrici li sfurzatu jizzewweg. Xehed illi wara z-zwieg l-attitudni tal-attrici lejn ir-relazzjoni intima taghhom inbidlet b'tali mod li beda jissuspetta li kellha relazzjoni ma' haddiehor fuq ix-xoghol fejn kienet tahdem. Jirrakkonta kif kienet tohrog mal-hbieb tax-xoghol, nisa u rgiel u dwar episodju meta wara wahda minn dawn il-hargiet irritornat tard hafna bil-lejl fis-sakra u b'sinjali li kellha relazzjoni intima ma' haddiehor.

Jghid li wara li kellhom l-ewwel tarbija l-attrici kienet thalli lit-tarbija ghand ommha jew ma' ohtha u li wara t-twelid tat-tieni tarbija l-affarijiet bejniethom marru mill-hazin ghal aghar. L-attrici ma kenitx thallih jiehu lit-tfal ghand ommu u jichad l-allegazzjoni tal-attrici li d-dar ta' ommu hija dar mahmuga. Jilmenta illi huwa kien jispicca mix-xoghol ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija u meta kien imur id-dar kien isib lit-tfal reqdin. Jghid li lit-tfal beda jgawdihom meta l-partijiet infirdu *de facto*.

Huwa jichad l-allegazzjoni tal-attrici li kien heddidha b'senter. Jghid li l-attrici kienet ghamlet rapport falz dwaru.

Jakkuza lill-attrici illi matul iz-zwieg hija kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra. Isemmi l-incident ta' lejliet l-ewwel tas-sena wara li l-attrici kienet telqet definittivament mid-dar matrimonjali. Isemmi li dakinhar l-attrici kienet ma' certu Vincent Caruana. Jichad li dakinhar huwa xejrilha daqqa ta' ponn. Jghid li sussegwentement sar jaf li l-attrici kienet qed tohrog ma' wiehed jismu Brian.. Skond il-konvenut, l-attrici harget ma' diversi rgiel ohra. Isemmi li fis-sena 2011 hija kienet qed tghix ma' certu Richard Falzon flimkien mat-tfal ta' Falzon u t-tfal tal-partijiet.

Xehed **Joseph Martin B**,[9] sekondo kugin mal-konvenut. Spjega illi meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien kien hemm okkazzjonijiet fi tmiem il-gimgha fejn hu u martu raqdu ghand il-partijiet u kien hemm okkazzjonijiet fejn il-partijiet raqdu ghandhom. Jghid li kien josserva li l-attrici ma tmidx idejha fil-facendi u kienet thobb il-hrug. Jirreferi ghal dak li kien jghidlu l-konvenut li l-attrici ma kentix thallih johrog bit-tfal u kienet tippreferi thalli lit-tfal ghand ommha jew ohta sabiex tkun tista' tohrog mal-hbieb. Ikompli jixhed hekk:

---

[8] Fol. 1053
[9] Fol. 1073

"Mhux l-ewwel darba li D kien jiftah qalbu mieghi u qalli li qed jissuspetta li A kien qed ikollha xi relazzjoni ma' persuna ohra. Meta darba jiena staqsejtha ghalfejn din 1-imgieba, hi kienet qaltli li l-familja taghha tigi l-ewwel u qabel kollox u hi sahansitra waslet biex qaltli li D qas biss jaf xi tfisser familja ghax skont hi D qatt ma' kellu lil hadd. Jien lil D dan qatt m' ghidtulu minhabba l-fatt li kont naf li dan mhux minnu, anzi nghid u nsostni li jekk hawn ragel tal-familja, dan hu D, ghax meta jien u l-mara tieghi konna ghaddejjin minn zmien difficli, tlabt parir minghandu u dan wassalna biex ahna solvejna 1-problemi in kwistjoni tant li jien illum ghandi familja maqghuda mal-mara tieghi u ngawdu iz-zewgt itfal."

Xehed illi darba minnhom wara li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali, kien irceva telefonata minghand l-attur sabiex imur malajr id-dar tieghu u meta mar sab id-dar matrimonjali vojta. Il-konvenut qallu li waqt li kien xoghol l-attrici marret u battlet id-dar.

Xehed **Richard Falzon**[10]**,** is-sieheb tal-attrici. Huwa qal li ilu f'relazzjoni mal-attrici sa mis-6 ta' Marzu 2008. L-attrici u Richard Falzon jirrisjedu fid-dar tieghu flimkien mat-tfal tal-attrici.

Xehdet **Mary Bezzina**[11], omm l-attrici, li spjegat illi fit-3 ta' Marzu 2000 kienet selfet lill-partijiet is-somma ta' elf, tmien mija u ghoxrien liri Maltin (Lm1820) ekwivalenti ghal €4239.46 . Skond ix-xhud dan is-self sar sabiex ghamlu xi miljoramenti f'post li l-partijiet kienu krew biex marru jabitaw fih. Meta infirdu *de facto* f'dan il-flat baqa' jirrisjedi l-konvenut. Tghid illi l-partijiet kienu bdew ihallsuwha is-somma ta' Lm50 fix-xahar u meta infirdu *de facto* il-hlasijiet rateali waqfu. Tghid li ghad baqala tiehu minghand il-partijiet is-somma ta' €1,211.27

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-Responsabbilta' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

**Vjolenza**.

---

[10] Fol. 1099
[11] Fol. 1051

Ghalkemm il-konvenut jichad li kien vjolenti mal-attrici, l-provi juru mod iehor. Jaghmel hafna emfasi l-konvenut illi ma kienx instab hati ta' vjolenza mill-Qorti ta' gurisdizzjoni penali. Hija pero' regola bazilari tad-dritt illi process civili huwa separat u distint mill-process penali, u l-konkluzzjoni f'wiehed ma hi ta' l-ebda vinkolu fuq il-konkluzzjoni fil-process l-iehor (ara Artikolu 6, Kodici Kriminali (Kap. 9).

Mill-kumpless tal-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien jagixxi b'mod vjolenti versu l-attrici. Ic-certifikat rilaxxjat mill-poliklinika fl-1 ta' Jannar 2005 u r-ritratti ezebiti li juri lill-attrici b'feriti f'wicca, abbinat mat-testimonjanza tal-attrici u ta' Marica Grech huma prova sodisfacenti li l-konvenut kien vjolenti mal-attrici.[12] Il-Qorti tirritjeni wkoll bhala affidabbli t-testimonjanza tal-attrici illi l-konvenut kien heddidha b'senter li wassal lill-attrici titlaq mid-dar matrimonjali flimkien maz-zewg uliedha.

Rilevanti wkoll jigi osservat illi ghalkemm il-konvenut jichad dak kollu li gie allegat mill-attrici fil-konfront tieghu, mill-atti ma jirrizultax li l-konvneut kien ha xi azzjoni talli uliedu flimkien mal-attrici kienu telqu mid-dar matrimonjali.

**Adulterju**.

Gie sodisfacentement ippruvat mill-attrici illi meta l-partijiet kienu ghadhom jirrisjedu flimkien maz-zewg uliedhom fid-dar matrimonjali, l-konvenut kien beda relazzjoni adultera ma' tfajla ta' sittax-il sena meta huwa gia' kellu tnejn u tletin sena. Il-konvenut kien impjega lil certu Chantelle Galea, li kellha sittax-ilsena, fil-hanut tieghu. Meta Chantelle Galea telghet tixehed hija stqarret li l-attur kien stedina sabiex johorgu flimkien jieklu biex jiccelebraw gheluq zmienha f'Jannar tas-sena 2004. Dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha qed tabita fid-dar matrimonjali peress li telqet mid-dar flimkien ma' uliedha u marret tirrisjedi ghand ohtha fix-xahar ta' wara. Mill-kumpless tal-provi mressqa il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut kien minn zmien qabel f'relazzjoni adultera ma' Chantelle Galea tant li xahar biss wara li l-attrici u z-zewg ulied minuri telqu mid-dar matrimonjali, Chantelle Galea dahlet tikkoabita' mal-attur proprju fid-dar matrimonjali. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu[13] il-konvenut jaghmel hafna emfasi illi mhux minnu li l-imsemmija Chantelle Galea kienet minorenni meta beda johrog maghha. Ghalkemm ma jichadx illi huwa jikkoabita ma' Chantelle Galea isostni li ma ngibitx prova li l-wild ta' Chantelle Galea huwa tieghu peress li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jghid illi l-missier ma hux maghruf.

[12] Fol. 37 et. seq.
[13] Fol. 1188

Il-provi imressqa pero' juru mod iehor. Chantelle Galea iddikjarat bil-gurament taghha illi ilha f'relazzjoni mal-konvenut sa mis-sena 2005 filwaqt li t-tifel taghha twieled f'Lulju 2006. Tammetti wkoll li t-tifel isejjah lill-konvenut papa'. Ghalkemm tahdem fil-hanut tal-konvenut tghid li salarju ma tirceviex ghaliex tithallas billi l-konvenut jiprovdilha l-ikel. Qalet pero' li tircevi l-beneficcji socjali bhala 'singel mother'.

Fil-fehma tal-Qorti l-ammissjoni ta' Chantelle Galea li r-relazzjoni intima taghha mal-konvenut bdiet fis-sena antecedenti t-twelid tat-tifel taghha liema relazzjoni ma gietx interrotta sallum huwa prova li l-konvenut dahal f'relazzjoni adultera ma' Chantelle Galea liema agir farrak kwalunkwe possibilta' li z-zwieg tal-partijiet jigi salvat. Ghalhekk m'ghandiex mill-verita' l-asserzjoni tal-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li "l-attrici ma ressqet ebda prova dwar l-adulterju [tal-konvenut], izda biss allegazzjoni, liema allegazzjoni ma giet bl-ebda mod korroborata minimament minn xhieda ohra".[14] Chantelle Galea, prodotta bhala xhud mill-attrici, hija l-aqwa prova dwar l-adulterju tal-konvenut. Il-Qorti pero' ma taqbilx li r-relazzjoni adultera tal-konvenut bdiet fis-sena 2005 izda hija tal-fehma li din bdiet fis-sena 2004, appena l-attrici harget mid-dar matrimonjali. F'dan is-sens qed temmen il-verzjoni li tat l-attrici fir-rigward.

Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment fis-sena 2004 meta l-konvenut beda relazzjoni adultera ma' Chantelle Galea.

Il-konvenut isostni li ghat-tkissir taz-zwieg kienet tahti l-attrici minhabba adulterju. Gie ppruvat mill-konvenut illi l-attrici dahlet f'relazzjoni adultera ma' certu Richard Falzon. Mill-atti jirrizulta, b'mod partikolari mix-xhieda tal-istess Richard Falzon, illi l-attrici ilha f'relazzjoni adultera ma' Falzon sa mi-sena 2008. Ghalkemm il-konvenut jaghmel diversi allegazzjonijiet li l-attrici kellha relazzjonijiet adulteri ma' diversi persuni ohra, l-ebda prova ma ngabet fir-rigward.

Hija ghalhekk il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi r-relazzjoni adultera tal-attrici li inbdiet fis-sena 2008 ma kenitx il-kagun ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet, peress li kif spjegat *supra* iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment fis-sena 2004 tort uniku tal-konvenut.

[14] Fol. 1198

Ai termini tal-Artikolu 48 (1) ( c ) tal-Kap. 16 il-Qorti qed tistabbilixxi d-data tal-15 ta' Marzu 2004 bhala d-data ta' meta l-konvenut huwa meqjus hati tal-firda tal-partijiet minhabba adulterju u vjolenza.

Irid hawn jinghad ukoll li mill-provi mressqa jidher *prima facie* illi l-konvenut u s-siehba tieghu qed jifrodaw lill-istat meta t-tarbija giet registrata bhala b'missier mhux maghruf sabiex l-omm tkun tista' tapplika ghall-ghajnuna socjali bhala 'single mother'. Il-Qorti ghalhekk hi fid-dover li tirrapporta dan il-kaz lill-awtoritajiet kompetenti ghall-investigazzjoni opportuna, kif ser taghmel aktar 'il quddiem.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

**Dar Matrimonjali**.

Id-dar matrimonjali tal-partijiet kienet f'idejn il-partijiet b'titolu ta' kera. L-attrici ssottomettiet li m'ghandha l-ebda interess li terga tidhol f'dan il-fond. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li t-titolu ta' kera fuq dan il-fond ghandu jdur esklussivament fuq il-konvenut.

**Hanut u Erba' (4) Garaxxijiet sottostanti bin-numri 1, 5, 6 u 7. gewwa Triq is-Sur, Fgura.**

Il-hanut "The Aquarium Pet and Hobby Centre' li jinstab 143, Triq is-Sur, Fgura, u l-garaxxijiet sottostanti, huma proprjeta' taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Il-konvenut qed isostni li l-proprjeta' immobiljari li taghhom il-partijiet huma sidien ghandha tigi assenjata lilu flimkien mad-dejn gravanti fuqhom tenut kont li s'issa dejjem hu hallas il-pagamenti rateali lill-bank.

Il-pretensjoni tal-konvenut pero' m'ghandiex fondament legali. Tenut kont li l-proprjeta hija komuni jehtieg li tigi diviza bejn il-partijiet u peress li hadd mill-partijiet ma qed isostni li hija komodament divizibbli, l-unika soluzzjoni ghal-likwidazzjoni u divizzjoni ta' din il-proprjeta' komuni hi li tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li jithallas id-dejn li jiggrava l-istess proprjeta'.

**Dejn u Kontijiet Bankarji.**

Jehtieg jigi deciz liema mid-dejn vigenti ghandha taghmel tajjeb ghalih il-komunjoni u liema dejn ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih xi hadd mill-partijiet individwalment. Inoltre hemm diversi kontijiet bankarji intestati f'isem il-partijiet.

Fl-udjenza tal-10 ta' April 2014 xehedu diversi rapprezentanti tal-banek. Minn din ix-xhieda rrizulta s-segwenti:-

APS Bank Limited

Kont Kurrent (Current Account) bin-Numru 240000205059 f'isem A B bil-bilanc fis-sena 2014 ikun ta' €185.82

Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 2400002000158734 f'isem A B bil-bilanc fis-sena 2014 ikun ta' €30.14

Bank of Valletta plc

Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 40020871525 f'isem A B ghan-nom tal-minuri Carl u Matthew, bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' seba' mija u sittax - il ewro u disgha u erbghin ceritezrnu €718.03;

Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 40019460604 f'isem C B bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €72.61;

Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 40019460617 f'isem C B bil-bilanc fis-sena 2012 ikun ta' €3.52;

Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 16713243025 f'isem C B u Kevin D'Agostino u bil-bilanc fis-sena 2008 ikun ta' €2.89;

Kont ta' Tfaddil (Saving Account) bin-Numru 40014189074 f'isem C B u Kevin D'Agostino u bil-bilanc fis-sena 2005 ikun ta' €l.98.

HSBC Bank Malta plc

Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 075001594001 f'isem C B u bi zbilanc (u cioe' dejn) fis-sena 2013 ikun ta' €27,510.66

Kont ta' Self (Loan Account) bin-Numru 0750015943401 f'isem C B u bi zbilanc (u cioe' dejn) fis-sena 2012 ikun ta' €20,523.40

Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 075001594401 f'isem C B u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €11.46

Kont Kurrenti (Current Account) bin-Numru 087002945001 f'isem C B u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €66.86

Kont ta' Visa (Visa classic Account) bin-Numru 4568820166303690 f'isem C B u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €50

Kont ta' Visa (Visa classic Account) bin-Numru 4035710000546171 f'isem C B u bil-bilanc fis-sena 2013 ikun ta' €50

Il-konvenut qed jitlob illi f'kaz li l-Qorti tordna d-divizzjoni tal-proprjeta' immobiljari allura l-attrici ghandha tigi kkundannata thallsu nofs l-ammonti li hallas lill-bank filwaqt li d-dejn li ghad hemm pendenti mal-bank ghandu jinqasam fuq iz-zewg partijiet.

Jirrizulta illi l-ebda facilita' bankarja rapprezentanti self ma hi intestata f'isem iz-zewg partijiet flimkien. Skond ma xehdet ir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, 'current account' intestat f'isem il-konvenut wahdu ghandu zbilanc ta' circa €27,500 filwaqt li 'loan account' intestat ukoll f'isem il-konvenut wahdu ghandu zbilanc ta' circa €20,500. Jehtieg ghalhekk jigi ezaminat l-origini ta' dan id-dejn.

Mix-xhieda ta' Audrey Ghigo[15] in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc jirrizulta illi il-loan account numru 075001594340 infetah fl-1 ta' Gunju 2010 meta l-partijiet kienu ilhom sitt snin separati *de facto*. Jirrizulta wkoll illi loan account iehor f'isem il-konvenut wahdu bin-numru 075001594300 kien infetah fil-5 ta' April 2002 u nghalaq fl-24 ta' Awissu 2004. Jirrizzulta wkoll illi kien hemm loan account f'isem iz-zewg partijiet li kien igib in-numru

[15] Fol. 372

075101428301 liema loan account kien infetah fil-11 ta' Awissu 2002 u nghalaq fis-26 ta' Mejju 2009.[16]

Il-loan account f'isem kongunt taz-zewg partijiet origina bhala finanzjament ghax-xiri tal-proprjeta' immobiljari tal-partijiet. Tenut kont li dan id-dejn gie saldat fis-26 ta' Mejju 2009, prattikament fl-istess zmien li gie ppruvat li l-konvenuta bdiet relazzjoni adultera, isegwi illi l-hlasijiet li saru qabel mill-konvenut ma humiex kolpiti b'dak li gie deciz supra dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16. Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi u tiddeciedi illi l-hlasijiet li l-konvenut ghamel bhala ripagamenti tad-dejn maghmul miz-zewg partijiet flimkien (loan account no. 075101428301) saru minn fondi tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk it-talba tal-konvenut sabiex l-attrici thallsu nofs l-ammonti li huwa hallas lill-bank qed tigi michuda. Dwar iz-zewg facilitajiet bankarji li l-konvenut f'ismu wahdu ghandu mal-HSBC Bank Malta plc jirrizulta illi dawn huma wiehed 'current account' u l-iehor 'loan account' it-tnejn f'isem il-konvenut wahdu. Il-loan account statements[17] juru illi fil-15 ta' Gunju 2010 il-konvenut gibed is-somma intiera ta' tletin elf ewro (€30,000) (loan account numru 075 001594 340) u mix-xahar ta' wara beda jhallas lill-bank pagamenti mensili rapprezentanti rifuzzjoni tas-self minnu maghmul. Fit-testimonjanza tieghu il-konvenut ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar ir-raguni tas-self f'daqqas tas-somma ta' €30,000. Ghalhekk dan id-dejn ma jistax jitqies bhala dejn tal-komunjoni u ghandu jaghmel tajjeb ghalik il-konvenut wahdu.

L-istess jinghad dwar id-dejn mal-HSBC Bank Malta plc li l-konvenut ghandu f'isem wahdu fir-rigward ta' kont kurrent (fil-passiv) li jgib in-numru 075001594001. Ezami tal-istatementsipprezentanti mir-rapprezentant tal-bank juru illi l-konvenut juza dan il-kont sabiex jeffettwa diversi pagamenti permezz ta' cheques filwaqt li regolarment jiddepozita flus sew kontijiet kif ukol permezz ta' cheques presumibilment konnessi man-negozju li jiggestixxi. Ghalhekk dan id-dejn ma jistax jitqies bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti qed tiddeciedi ghalhekk illi ghad-dejn fuq iz-zewg facilitajiet bankarji fuq imsemmija ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

Il-konvenut qed isostni illi d-dejn li huwa ghandu mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u mad-Dipartiment tal-VAT ghandu jigi kkonsidrat bhala dejn tal-komunjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut m'ghandux ragun. Gie ampjament ippruvat illi l-attrici m'ghandha l-ebda sehem

[16] Fol. 374
[17] Fol. 705

jew kontroll fuq in-negozju li l-konvenut jiggestixxi. Il-kontroll assolut fit-tmexxija ta' negozju gestit minn gewwa proprjeta' li nofs indiviz taghha jappartjeni lill-attrici, huwa f'idejn il-konvenut esklussivament. Kemm ilhom il-partijiet separati *de facto* l-attrici ma bbenefikatx mill-profitti li saru minn dan in-negozju tal-komunjoni, profitti li fiz-zmien li l-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf kien miexi tajjeb hafna bi profitt net annwali ta' mhux anqas minn €24,000.00. It-talba tal-konvenut li l-attrici tigi kkundannata taghmel tajjeb bis-sehem taghha mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghal dan id-dejn qed tigi respinta ghaliex priva minn fondament legali

Dwar id-dejn dovut lill-omm l-attrici fis-somma ta' €1,211.27 jirrizulta li dan sar a beneficcju taz-zewg partijiet u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara illi iz-zewg partijiet huma responsabbli ghall-hlas tal-bilanc dovut, nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Kura u Kustodja.**

Jirrizulta mill-atti illi l-kura u kustodja kienet giet akkordata *pendente lite* lill-attrici fis-sena 2006 u dan minhabba l-livell gholi ta' konflitt li kien jezisti bejn il-partijiet li waslu lil din il-Qorti diversament presjeduta tiddeciedi li jkun ahjar li l-kura u kustodja tkun akkordata f'idejn l-attrici. Nonostante li ghadda zmien sew mill-ghoti tal-imsemmi digriet, sfortunament ghall-minuri, il-livell ta' konflitt ta' bejn il-partijiet ghadu gholi. Kura u kustodja kongunta tkun fl-interess tal-minuri jekk iz-zewg genituri jkunu kapaci tal-anqas jikkomunikaw b'mod civili ma' xulxin. Dan mhux possibbli fil-kaz odjern u ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u kustodja ghandha tkun affidata f'idejn l-attrici b'access favur il-missier bil-modalita' kif ilu issa jigi ezercitat tul dawn l-ahhar snin.

**Manteniment.**

Dwar il-manteniment, it-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha qed tigi michuda in kwantu hija hatja ta' adulterju.

Fir-rigward tal-manteniment tat-tfal, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha inkluz il-kapacita' lavorativa tal-attrici kif ukoll dik tal-konvenut.

In-negozju li huwa gestit mill-konvenut fil-hanut tal-Fgura kien inbeda f'dan il-hanut matul iz-zwieg. Ma tresqux provi dwar il-valur tan-negozju ghalkemm gew ezebiti mill-konvenut il-'profit and loss accounts'[18] ippreparti minn certu Paul Bugeja li xehed, u ghamel emfasi, li hu kien ipprepara dawn l-accounts esklussivament fuq l-informazzjoni li ghaddielu l-konvenut u li ma kien ghamel l-ebda ezercizzju ta' 'auditing' (ara xhieda ta' Paul Bugeja a fol. 294). Skond dawn l-accounts, fis-sena 2005 il-konvenut kien ghamel profitt net ta' erba' u ghoxrien elf, mitejn u tlieta u ghoxrien ewro (€24,223). Ghalkemm il-konvenut fix-xhieda tieghu jallega li llum dan huwa negozju fallut, ma pprezenta l-ebda prova li negozju, li fis-sena 2005 kien qed ihalli profitt net ta' mhux anqas minn €24,223, illum mhux jaghmel profitt. Fl-affidavit tieghu ipprezentat fl-1 ta' Ottubru 2013 naqas milli jipprezenta accounts recenti u jaghmel biss allegazzjonijiet li ma huma sostnuti minn ebda prova dokumentarja.

Wara li qieset dan kollu kif ukoll il-htigijiet tal-minuri il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Carl Matthew u Luke Nikolaw is-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghall-kull wild, b'dan illi l-manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba adulterju kommess mill-konvenut kif ukoll minhabba vjolenza.

Ai termini tal-Artikolu 48 (1) ( c ) tal-Kap. 16 il-Qorti qed tistabbilixxi d-data tal-tal-15 ta' Marzu 2004 bhala d-data ta' meta l-konvenut huwa meqjus hati tal-firda tal-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tordna l-bejgh tal-fond "The Aquarium Pet and Hobby Centre", 143, Triq is-Sur Fgura u tal-garaxxijiet numri wiehed (1), hamsa (5) u sebgha (7) fi Blokk 143, Triq is-Sur, Fgura, b'dan illi ir-rikavat ghandu jinqasam in kwantu ghal nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut. Tiddikjara illi d-dejn li l-konvenut ghandu mal-HSBC Bank Malta plc, mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u mad-Dipartiment tal-VAT ghandu jaghmel tajjeb ghalihk il-konvenut wahdu

[18] Fol. 275 et. seq.

ghad eskluzzjoni tal-attrici filwaqt li d-dejn dovut lill-omm l-attrici jaghmlu tajjeb ghalih iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom. Tordna li kontjiet bankarji f'isem kongunt tal-partijiet jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet filwaqt li d-depoziti f'kontijiet bankarji ohra jigu assenjati skond f'isem min huma intestati.

3. Tilqa't-tielet talba attrici u tafda l-kura u kustodja taz-zewg minuri Carl Matthew u Luke Nikolai f'idejn l-attrici b'access favur il-konvenut bil-mod kif fuq indikat.

4. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghall-kull wild minuri liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, u tichadha fil-kumplament. Tordna li l-manteniment jibqa' jithallas wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena jekk iibqghu jistudjaw *full-time*.

5. Tilqa' l-hames talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tichad is-sitt talba.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

In vista tar-rizultanzi f'din il-kawza kif spjegat *supra* l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali a kariku tar-Registratur tal-Qorti sabiex isiru l-investigazzjonijiet opportuni.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------